

## Domanda preliminari

L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti medicińali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħha (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "friża tal-prezzijiet fuq prodotti medicińali kollha jew fuq xi kategoriji ta' prodotti medicińali" japplika għal miżura li l-għan tagħha huwa li jiġu kkontrollati l-prezzijiet tal-prodotti medicińali iżda li tikkonċerna biss ġerti prodotti medicińali kkunsidrat individwalment, u ma hijiex intiżra li tapplika għall-prodotti medicińali kollha, u lanqas għal ġerti kategoriji fosthom u għalhekk li l-għarnejha jidher minn l-artikolu jorbot mal-eżistenza ta' miżura ta' friża kif jiddefiniha jidhru, għal tali miżura, imċāħħda mill-kontenut jew mill-għan?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitulu 5, Vol. 1, p. 345.

**Appell ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2022 minn Liam Jenkinson mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiżja) fl-10 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-602/15 RENV, Jenkinson vs Il-Kunsill et**

**(Kawża C-46/22 P)**

**(2022/C 119/39)**

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Appellant:* Liam Jenkinson (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea, Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, Eulex Kosovo

## Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tilqa' l-appell u tannulla s-sentenza appellata;
- tiddeċiedi l-kawża u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fl-ewwel istanza;
- sussidjarjament, tibqiegħ lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għad-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-konvenuti fl-appell għall-ispejjeż kollha esposti fil-kuntest tal-proċedura appellata kif ukoll f'kull waħda mill-proċeduri preċedenti (T-602/15; C-43/17 P; T-602/15 RENV).

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tat-talbiet u tal-motivi mressqa, sa fejn il-Qorti Ġenerali eskludiet mill-istħarriġ tagħha kull kap tat-talba bbażat fuq eċċeżżjoni ta' illegalità.

It-tieni aggravju bbażat fuq it-tnaqqis tal-kunsiderazzjonijiet fattwali u legali mressqa mir-rikorrent, u b'hekk, tas-suġġett tar-rikors, sa fejn il-Qorti Ġenerali evalwat biss l-aħħar pożizzjoni tar-rikorrent fi ħdan il-Missjoni Eulex Kosovo.

It-tielet aggravju huwa dirett kontra s-sentenza appellata sa fejn din tiċħad l-ewwel kap tat-talbiet imressaq b'mod prinċipali.

Ir-raba' aggravju bbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament bejn membri tal-persunal tal-Unjoni u fuq il-ksur tal-Artikolu 336 TFUE, peress li l-Qorti Ġenerali naqqset għal xejn l-intenzjoni tal-leġiżlatur Ewropew li joffri kopertura soċjali mimma lill-impiegati kollha. Skont l-appellant, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-kunċett ta' stat tad-dritt billi eskludiet kull possibbiltà mhux kuntrattwali tal-appellati.

Il-ħames aggravju huwa dirett kontra c-ċaħda, abbażi tal-inammissibbiltà, tat-tielet kap tat-talbiet imressaq sussidjarjament fl-ewwel istanza. F'kull każ, il-Qorti Ġenerali kellha tqajjem *ex officio* ġerti motivi ta' ordni pubbliku u tanalizza l-mertu tal-proċess.